# SAN NIKOLA:

## X'kien ifisser għall-biedja, u għajdut ieħor.

**Minn Joseph Schembri**

Ħarsti tmur lura fis-snin l-imgħoddija meta n-nies tar-raħal tagħna kienu jaħdmu r-raba għall-għajxien tagħhom u tal-familja. Aktar minn tliet kwarti tal-popolazzjoni Siġġiwija rġiel u nisa kienu bdiewa. Il-mara kienet taħdem daqs ir-raġel. Il-ħidma tagħhom kienet waħda ta' tbatija peress li biex jaħdmu l-art ħafna mill-makkinarju tal-lum kien għadu ma' deherx. Kienu jaħdmu billi jiżirgħu, iħawwlu, u jaħsdu b'idejhom jew b'xi għodda li dak iż-żmien kellhom. Aktar tard wara l-gwerra bdew jidħlu xi makkinarji ġodda. Kull ċantra jew biċċa ħamrija li kellhom kienu jaħdmuha b'sengħa kbira, biex wara jieħdu għelejjel kotrana li jista' jagħti r-raba tagħhom.

Huma kienu jabitaw fid-djar, irziezet jew xi kmamar fil-kampanja. Minn dawn l-irziezet jew kmamar, il-Kappilan ġieli bierek mal-mija u ħdax fi żmien il-Għid (1) (mill-1890 'l hawn). Mal-ħitan fuq ġewwa kien ikollhom xi xbieha ta' San Nikola. Wieħed minn dawn l-irziezet qodma għadu wieqaf sal-lum, jinsab lejn ta' Qanpiena. (2) Daż-żmien qajla għadek tisma' fuq "Ir-razzett tal-qaddisin" kif kien magħruf. Kien ta' Frenċ u Saver tas-Sajfi, li f'parti minnu msejħa "il-palazz" kien hemm niċċa ħelwa bl-istatwa ta' San Nikola w'oħra ta' San Pawl.

Dak iż-żmien ma kienx hawn il-mezzi ta' komunikazzjoni jew kumditajiet li għandna llum, moħħhom u qalbhom kienu fehma waħda. Kienu jiltaqgħu fit-triq ħdejn ir-raba' tagħhom f'xi għorfa bit-tiben jogħrku idejhom it-tnejn u erħilhom jirrakkontaw u jgħidu fuq dak li semgħu li ġara emmnewwel (is-sena ta' qabel) jekk l-arja tkun għadha sħuna m'hemmx maltemp, meta l-arja tkun kiesħa b'xi sħab nistennew ix-xita. Erħilhom jiddiskutu l-uċuħ tar-raba' kif inhuma: il-patata kif marret jew isemmu dak il-qawl "li l-aħjar annata tal-patata meta sa San Nikola tkun fl-ixkora", jiġifieri tkun maqlugħa, għax meta tagħmel ix-xita fil-bikri (għal itorja) il-patata tax-xitwa tinbet aktar malajr, għax tkun fellset fil-ħamrija u kif tħoss l-ilma tax-xita titla', u wara jkompli l-irxiex u l-patata tilħaq u tinqala lejn l-aħħar ta' Novembru u bidu ta' Diċembru.

Dwar it-temp, fix-xahar ta' Novembru jibdew isemmu li Santa Katerina (25 ta' Novembru) Sant' Andrija (30 ta' Novembru) u 'l San Nikola (6 ta' Diċembru) huma stilla tal-maltemp, jigifieri jum tax-xita, u li jekk ma tagħmilx xita dak in-nhar ma tagħmel qatt! Issa ġej San Nikola, forsi jibgħatilna x-xita. Meta nhar San Nikola jkun il-maltemp bħalma ġieli kien, erħilhom jgħidu li "jekk ma toħroġx illum toħroġ għadha" (l-istatwa). L-isparar u l-qniepen huma nofs il-festa. Diċembru kienu jsibuh bħala x-xahar ta' San Nikola jew ta' l-Awwista. Qrib il-festa kienu jaħsbu biex jiżirgħu l-ful, piżelli, ġulbiena, żożfa. La tgħaddi l-festa, il-bidwi jidba jaħseb biex jiżbor is-siġar tal-frott irqiq, ilaqqam il-lewż (għax hija l-ewwel siġra li toħroġ il-ward) u jraqqad ld-dwieli.

Għajdut ieħor ta' dari kien: "San Nikola, ħobżi żejtek, linti tgħaddi mingħajr dawl" jew ġieli kienet tingħad mod ieħor: "San Nikola, San Niklaw, żejtek fuq ħobżi kemm hu tajjeb, inti tgħaddi mingħajr dawl".

Kienu jgħidu xi ġrajjiet li ġraw f' San Nikola. Fosthom dawn li niftakar.

Nhar il-5 ta' Diċembru 1873 (3) għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar waqgħet dalma kbira, u r-riħ kien Grigal il-Lvant li beda jonfoħ, ix-xita bdiet nieżla bil-qliel, beraq, sajjetti, u ragħad li beżżgħu lil kulħadd, nofs siegħa wara beda nieżel silġ kbir li beda jkisser u jfarrak, il-widien karkru kulma sabu quddiemhom. Il-wied ta' Ħal-Qormi ġarr ħafna uċuħ tar-raba' lejn il-Marsa. Il-wied tas-Siġġiewi kaxkar lis-Surġent Vincenzo Labrere, waqt li kien sejjer lejn id-dar, kaxkru u għereq. Ix-xita damet nieżla seba' siegħat u s-sajjietti damu sa xi l-ħdax ta' bil-lejl.

Ċertu Dun Ġużepp, qassis minn Ħal-Qormi li kien ta' statura qawwija, kien gie jipprietka fit-tridijiet ta' San Nikola 2-3-4- ta' Diċembru ta' xi 70 jew 80 sena ilu. Dik is-sena l-art kienet għadha niexfa, għax ma għamlitx xita. Dun Ġużepp fl-aħħar ġurnata tat-trdu qabel spiċċa għamel talba lil San Nikola li qal hekk: "Tawmaturgu San Nikola, fittex ibgħatilna x-xita, biss fuq is-Siġġiewi f'dawn il-jumejn li ġejjin la tagħmilx, għamel band' oħra". Nhar il-festa 6 ta' Diċembru x'ħin l-istatwa ta' San Nikola kienet quddiem l-għassa l-qadima, illum "Dar Ommna Marija" beda jberraq u jinstama' r-ragħad ukoll n-naħa tal-Majistral, u dak il-lejl, wara li l-istatwa ta' San Nikola kienet fil-knisja, għamel lejl xita bil-kbir.

Dan kien fil-qosor xi tagħrif li ġbart dwar il-Patrun tagħna. Kollox juri li l-bdiewa u niesna tal-imgħoddi kienu marbutin f'kollox - fix-xogħol u l-mistrieħ - mal-qaddis tagħna. Jalla nibqgħu magħqudin aħna wkoll ma' San Nikola dejjem u kullimkien.

**Referenzi:**

(1) Tagħrif minn Carmelo Scicluna, is-sagristan.

(2) Quddiem l-arkati, jew l-akwadott tal-Fawwara, aħna u neżlin Lapsi, qrib id-Dar Tal-Provvidenza.

(3) Storja Ta' Malta u Għawdex - G. Faure u "The Malta News" 10-12-1873.

**SILENCER SERVICES**

Għall kull tip ta' vettura
Silencers lokali jew ta' barra bil-lastiku u aċċessorji kollha.

**SIMON**

42, Old Church Street, Siġġiewi
Telephone 461545 (Home)